**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 2 ta' Novembru, 2001

**Numru 12**

**Avviz. numru 840/01JR**

**J & A Bonnici Ltd.**

**vs**

**John Debono**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Awissu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija sebgha u disghin lira Maltija tlieta u sittin centezmu (Lm397.63), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-istess konvenut;**

**Ghalhekk il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici**

l-imsemmija somma ta’ tlett mija sebgha u disghin lira Maltija tlieta u sittin centezmu (Lm397.63), bl-ispejjez kontra l-istess konvenut u bl-imghax legali u bis-subizzjoni ta’ l-istess konvenut.

Ra li l-konvenut baqa’ ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.

Semgha x-xhieda ta’ Renzo Bonnici, direttur tas-socjeta` attrici, li kkonferma li l-konvenut baqa’ ma hallas xejn mill-ammont mitlub. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta’ l-Att V ta’ l-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tlett mija sebgha u disghin lira Maltija tlieta u sittin centezmu (Lm397.63), bl-imghax legali mid-29 ta’ Settembru, 2001.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

Dr Joseph Refalo
GUDIKATUR